MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 698/1989/1

**Pauline Schembri, u b`digriet tat-30 ta` April 1991 l-gudizzju gie trasfuz f`isem Victor Schembri stante l-mewt ta` l-attrici, u b`digriet tas-27 ta` Frar 1993 il-gudizzju gie trasfuz f`isem il-persuna ta` Catherine mart Joseph Micallef u minnu assistita, Alfred Schembri, Joyce mart Lawrence Gatt u minnu assistita, Marlene mart Francis Farrugia u minnu assistita, Victor Schembri, Anthony Schembri, Leonard Schembri u Mark Schembri, kollha ulied il-mejjet konvenut Victor Schembri, u Joseph Schembri, Lina mart Joseph Grixti u minnu assistita, u Rita Bugeja, u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-attrici Lina Grixti gew trasfuzi f`isem Mary Louise Grixti, stante l-mewt taghha u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-attur Joseph Schembri gew trasfuzi f`isem Catherine Schembri, stante l-mewt tieghu, u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-attrici Rita Bugeja gew trasfuzi f`isem Imelda Agius, stante l-mewt taghha**

***kontra***

**Mario Baldacchino sive Mario Baldacchino Orland u b`digriet tat-12 ta` Novembru 2004 l-atti gew trasfuzi f`isem Nicolo Baldacchino Orland stante l-mewt tal-konvenut**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-6 ta` Lulju 1989 li taqra hekk –

*Peress illi fil-31 ta` Dicembru 1987 l-attrici kienet tat prokura generali lill-konvenut sabiex jezercita d-drittijiet ta` mandatarju taghha (Dok. A) ;*

*Peress illi l-attrici tixtieq tirrevoka l-mandat moghti lill-konvenut kif jidher mill-annessa kopja legali ta` ittra ufficjali (Dok. B) ;*

*Peress illi l-konvenut, abuzivament u arbitrarjament, qed jirrifjuta illi jrendi kont ta` dak li ghamel u li rcieva bis-sahha tal-mandat, ukoll jekk dak li rcieva ma kellux jinghata lill-attrici, u dan ai termini tal-Artikolu 1875 tal-Kodici Civili (Kap. 16) (Dok. C), anke in vista ta` certifikat mediku ta` psikjatra.*

*Jghid il-ghaliex il-konvenut din il-Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara revokat il-mandat moghti lilu fil-31 ta` Dicembru 1987 ;*

*2. Tordnah sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghti rendikont tal-operat tieghu waqt il-perjodu tal-mandat, u cioe` jrendi kont ta` dak li ghamel u rcieva bis-sahha tal-mandat, ukoll jekk dak li rcieva ma kellux jinghata lill-attrici.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru (sic) /89, u tal-ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju, 1989.*

*Il-konvenut ingunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut prezentata fit-<u>18 ta` Awissu 1989</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-konvenut ma jistax jaccetta r-revoka tal-prokura generali stante li l-imsemmija ittra ufficjali giet mibghuta f`isem l-attrici pero` minghajr l-awtorizzazzjoni tal-attrici stante l-fatt li l-attrici ma kinitx u m`hijiex fi stat mentali li tifhem l-import ta` atti simili u dana kif jidher mic-certifikat mediku (Dok. A).*

*2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-attrici qatt ma riedet tirrevoka u qatt ma rrevokat l-imsemmija prokura generali u dana jirrizulta mill-fatt li fil-11 ta` Lulju 1989 u cioe` wara l-imsemmija ittra ufficjali, l-attrici kienet qalet lill-konvenut biex jibqa` jamministra l-proprjeta` hu u kienet ukoll spjegatlu li kienet inkwetata peress illi kien hemm hafna inbrolji da parti ta` xi nies li jigu minnha.*

*3. Illi l-konvenut ghandu suspetti serji li l-imsemmija ittra ufficjali u citazzjoni odjerna gew intavolati minn xi qraba ta` l-attrici minghajr il-kunsens ta` l-attrici u*

*dan jirrizulta mill-fatt li recentement l-attrici giet mehuda bil-forza u kontra l-volonta` taghha mill-Isptar Santa Caterina.*

*4. Illi ghalhekk it-talbiet ta` l-attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-provi li ngabru, u r-relazzjoni tal-perit legali Av Dr Joseph M Buttigieg.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 (fol 546) fejn id-difensur tal-atturi rrimetta ruhu ghar-rapport peritali.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fl-20 ta` Ottubru 2009 (fol 547) fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali, liema talba kienet michuda b`digriet taghha tal-20 ta` Jannar 2011 (fol 547).

Rat id-domandi bil-miktub li pprezenta l-konvenut fis-7 ta` Dicembru 2009 ghall-eskussjoni tal-perit legali kif ukoll ir-risposti bil-miktub li l-perit legali pprezenta fid-9 ta` Frar 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Novembru 2010 fejn *inter alia* l-atturi rrimettew ruhhom ghar-risposti tal-perit legali in eskussjoni.

Rat in-nota ta` kritika ghar-rapport peritali li l-konvenut ipprezenta fil-21 ta` Frar 2011.

Rat in-nota responsiva li l-atturi pprezentaw fit-2 ta` Mejju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Ir-relazzjoni peritali</u>**

**a) <u>Generali</u>**

Il-gbir tal-provi sar mill-periti legali li kienu mahtura mill-Qorti waqt l-iter twil tal-kawza, bl-ahhar perit ikun l-Av Dr. Joseph M Buttigieg li kien mahtur mhux biss fil-kawza tal-lum izda wkoll fil-kawza fl-ismijiet *Pauline Schembri vs Mario Baldacchino' (Citaz. Nru. 1211/89).* Dawn iz-zewg kawzi tmexxew flimkien bil-provi li jingabru f`wahda jkunu jghoddu ghall-ohra. Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jaghmel riferenza ghall-assjem tal-provi. Jirreferi wkoll ghal dak li rrizulta fil-kawza fl-ismijiet *Maria mart Mario Baldacchino et vs Victor Schembri et (Citaz Nru 1009/1990).* Wara li rat il-provi, il-Qorti tqis illi r-riassunt li sar mill-perit legali huwa gabra preciza u korretta tal-provi saljenti. Il-Qorti qeghda ghalhekk, a skans ta` repetizzjoni, taghmel riferenza ghar-riassunt tal-perit legali ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

**b) <u>Kostatazzjonijiet</u>**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jaghmel dawn il-kostatazzjonijiet –

Illi l-prokura generali li Pauline Schembri tat lil Mario Baldacchino ghandha d-data tal-**31 ta' Dicembru 1987** – mhux il-31 ta` Dicembru **1986**.

Illi bl-ittra ufficjali taghha tas-**26 ta' Mejju 1989**, l-attrici rrevokat il-mandat li tat lill-konvenut u ma hallietux jagixxi aktar ghan-nom taghha.

Illi l-izball fid-data tal-prokura ma kienx eccepit mill-konvenut.

Illi l-atti tac-citazzjoni kellhom jigu korretti sabiex jirriflettu d-data korretta.

Illi l-ewwel tlett eccezzjonijiet (bir-raba` wahda tkun konsegwenzjali ghall-ewwel tlieta) kienu intizi biex jattakkaw il-validità tar-revoka tal-mandat skond l-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju 1989. Il-kontestazzjoni tal-konvenut kienet fis-sens illi r-revoka ma kenitx awtorizzata mill-attrici ghaliex ma kenitx fi stat mentali li tifhem l-importanza ta' att simili, illi nonostante r-revoka l-attrici qalet lill-konvenut biex jibqa' jamminstralha hwejjigha, u illi kellu suspetti serji illi kemm l-ittra ufficjali, kif ukoll atti ohra gudizzjarji li gew wara, saru minghajr il-kunsens tal-attrici minn qraba taghha.

Illi l-perit legali sab inkonsistenza jew konflitt bejn l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.

Illi kellu jigi nvestigat jekk : (a) l-istat mentali tal-attrici fil-mument li saret l-ittra ufficjali kienx tali li hi setghet tifhem l-importanza u l-konsegwenzi ta' dak li kien qed isir ; u (ii) jekk l-attrici kenitx mgharrfa bil-proceduri

legali li kienu qed jittiehdu, u bl-atti gudizzjarji li kienu qed jigu prezentati.

Illi l-onus tal-prova kien jispetta lill-konvenut.

**c) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-perit legali jirrileva illi bil-mewt tal-attrici fil-mori tal-kawza, il-mandat zgur li gie xolt u ghalhekk skond il-ligi l-konvenut zgur li f’dak l-istadju kien obbligat jirrendi kont tal-amministrazzjoni tieghu. Kien esebit mill-konvenut id-Dok VF fil-mori tal-kawza. Skond il-konvenut, dak id-dokument jikkostitwixxi rendikont validu li jissodisfa l-obbligi tieghu bhala mandatarju li jirrendi kont lil mandanti tieghu, jew l-eredi taghha.

**1) <u>L-eccezzjonijiet</u>**

Il-perit legali jghid hekk dwar l-eccezzjonijiet –

**i) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Illi l-konvenut joqghod principalment fuq certifikat rilaxxjat mill-Consultant Physican Dr A. Galea Debono fit-**<u>23 ta' Marzu 1989</u>** li jaqra hekk –

"*This is to certify that Miss Pauline Schembri of 111, St. Vincent Street, Sliema, has recently been under my care at St. Luke's Hospital because of an Acute Bronchitis.*

*Her medicial condition on discharge had improved however it would not appear that she is capable of understanding the implications and responsibilities related*

*to acts of a civil nature, which include management of her assets*."

Illi l-attrici tirribatti din l-eccezzjoni bic-certifikat tal-Psikjatra Dr George Debono datat tal-**25 ta' Mejju 1989**. Dan ic-certifikat hareg jum biss qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali li permezz taghha l-attrici irrevokat il-prokura li kienet tat lill-konvenut.

Illi z-zewg specjalisti xehdu b'mod dettaljat dwar ic-cirkostanzi li fihom inhargu ic-certifikat rilaxxjat minn kull wiehed minnhom.

Illi l-perit legali rrefera ghall-procediment fil-kawza Citaz Nru 1009/1990 fejn kien hu mahtur bhala perit legali, u fejn hemm kien mahtur bhala perit mediku t-Tabib Psikjatra Anton Grech.

Illi l-perit legali kien tal-fehma illi l-konvenut ma rnexxielux jipprova, sal-grad li trid il-ligi, illi l-attrici ma kienitx fi stat mentali tali li tifhem l-importanza u s-sinifikat tal-ittra ufficjali u tal-konsegwenti revoka tal-prokura, kif lanqas ma rnexxielu l-konvenut jipprova illi l-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju 1989 saret minghajr il-kunsens tal-istess attrici, jew ad insaputa taghha.

Illi l-perit legali sostna l-validita` tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju 1989.

Illi l-ewwel eccezzjoni kellha tkun respinta.

**ii) It-tieni u t-tielet eccezzjonijiet**

Illi bil-provi li ressaq, il-konvenut ma ssoddisfax l-oneru tal-prova sal-grad ta' l-probabbiltà rikjest mil-ligi. In partikolari, b'ebda mod ma kien ippruvat pruvat illi *"l-attrici*

*qatt ma riedet tirrevoka u qatt ma rrevokat l-imsemmija prokura generali”* L-anqas ma gew sostanzjati b’xi mod *“is-suspetti serji”* allegati mill-konvenut *”illi din ic-citazzjoni giet intavolata minn xi qraba tal-konvenut minghajr il-kunsens taghha.”*

Illi rrizulta li c-citazzjoni kienet ikkonfermata bil-gurament minn Pauline Schembri quddiem ir-Registratur tal-Qrati, bil-Prokuratur Legali Edgar Montanaro bhala xhud tal-identita`.

Illi ghalhekk dawk l-eccezzjonijiet kellhom jigu michuda.

**iii) <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Ghax din l-eccezzjoni hija konsegwenzjali ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet, il-perit legali kien tal-fehma li ghandha tkun rigettata wkoll.

**2) <u>It-talbiet</u>**

Il-perit legali jghid hekk dwar it-talbiet –

**i) <u>L-ewwel talba</u>**

Illi l-ewwel talba ghandha tkun milqugha fl-ewwel lok ghaliex bil-mewt ta` Pauline Schembri l-ewwel u ta` Mario Baldacchino wara – it-tnejn fil-mori tal-kawza – il-prokura intemmet ukoll, u fit-tieni lok ghaliex fi kwalunkwe kaz, ir-revoka tal-prokura li l-attrici kienet tat lill-konvenut kienet valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**ii) <u>It-tieni talba</u>**

Illi kif appena kien xjolt il-mandat de quo, Mario Baldacchino kellu jieqaf minnufih mill-amministrazzjoni ta` hwejjeg Pauline Schembri.

Illi fil-mori tal-kawza, Mario Baldacchino pprezenta rendikont (Dok VF).

Illi abbazi ta` dak ir-rendikont l-konvenut sostna illi hu kien issodisfa d-dover tieghu ta' mandatarju skond il-ligi u skond it-tieni talba.

Illi l-atturi ma kienux sodisfatti b`dak ir-rendikont.

Illi l-perit legali jghid hekk testwalment –

*48. Fl-atti ta' din il-kawza ma gie prodott ebda dokument u ma giet moghtija ebda xhieda specifika u konkreta bizzejjed biex jigi stabbilit b'certezza* ***liema kienu l-fondi, kontijiet bankarji jew beni ohra li l-attrici ghaddiet lill-konvenut biex dan jibda jamministrahom meta l-attrici irrilaxxjat il-prokura tal-31 ta' Dicembru 1987 favur tieghu.***

Illi l-perit legali jkompli jghid hekk –

*… billi issa z-zewg protagonisti tal-kawza gew nieqsa u ghalhekk ma jistax jigi stabbilit b'certezza liema kienu l-beni li gew fdati mill-attrici lill-konvenut, biex jigu amministrati mill-konvenut u li dwarhom hu dovut rendikont skond il-ligi.*

Illi l-perit legali jaghmel paragun **<u>mirqum u dettaljat</u>** bejn Dok VF u l-kontijiet bankarji tal-attrici (ara r-relazzjoni peritali) u hekk jikkonkludi -

*65. … illi ghalkemm ir-rendikont moghti minn Mario Baldacchino jista' jitqies sodisfacenti dwar il-kontijiet li jkopri, jirrizulta illi hu inkomplet billi ma jidhrix illi jkopri l-kontijiet kollha ta' Pauline Schembri li jidher illi kellu s-setgha li jamministra.*

*66. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-esponent, it-tieni domanda tal-atturi ghandha tigi milqugha, fis-sens illi l-konvenut ghandu jaghti rendikont shih tal-amministrazzjoni tal-awtur tieghu, billi dak prezentat – Dok VF – hu biss rendikont parzjali.*

**3) <u>Eskussjoni</u>**

Il-Qorti hija sodisfatta bir-riposti tal-perit legali ghad-domandi in eskussjoni li saru lill-konvenuti.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**a) <u>tal-konvenut</u>**

Billi r-relazzjoni peritali kienet sfavorevoli ghall-konvenut, u l-atturi rrimettew ruhhom ghar-rapport, il-konvenut ghamel sottomissjonijiet bil-miktub.

Skond il-perit legali, huwa prattikament impossibbli li tasal biex tistabilixxi b`certezza l-konsistenza tal-fondi bankarji ta` Pauline Schembri li Mario Baldacchino rcieva fil-bidu tal-amministrazzjoni tieghu.

Illi dwar il-kontijiet L313979 u 231243 ta` Pauline Schembri fil-Mid-Med Bank Limited, ma hemmx prova li dawn kienu amministrati minn Mario Baldacchino.

Illi dwar il-kont L295796 ta` Pauline Schembri jirrizulta li Mario Baldacchino kellu prokura biex jamministra dak il-kont.

Illi l-unika diskrepanza li tidher fir-rendikont Dok VF ta` Mario Baldacchino tikkoncerna dak il-kont.

Illi Mario Baldacchino, bhal Pauline Schembri, miet fil-mori tal-kawza, u l-atti tieghu kienu trasfuzi fil-persuna tal-konvenut attwali li mhuwiex edott minn fatti li jistghu jwassluh biex jirrendi kont aktar preciz minn dak li diga` sar minn Mario Baldacchino bid-Dok VF.

Illi l-Qorti ghandha taghti piz ghal dak li kien xehed Mario Baldacchino li l-flus tal-kont L295796 kienu zbankati mhux minnu izda minn haddiehor, ghalkemm kellu l-amministrazzjoni ta` dak il-kont. Ghalhekk id-Dok VF huwa rendikont fidil anke fir-rigward ta` dak il-kont ghaliex fid-Dok VF tissemma figura li kienet fil-kont, li ma kenitx zbankata minnu, u li wara dak l-izbank, il-kont inghalaq.

**b) <u>tal-atturi</u>**

Jaqblu mar-ragunijiet illi ta l-perit legali biex jirrespingi l-eccezzjonijiet.

Dwar l-allegata nkapacita` mentali ta` Pauline Schembri, jirreferu ghar-rizultanzi tal-kawza *Maria mart*

*Mario Baldacchino et vs Victor Schembri et (Citaz Nru 1009/1990).*

Jirrileva bit-tieni domanda, l-attrici mhijiex titlob l-impunjazzjoni ta` rendikont izda qeghda titlob li jsir rendikont. Mario Baldacchino pprezenta r-rendikont tieghu (Dok VF) fil-mori tal-kawza.

Illi r-rendikont Dok VF mhuwiex sodisfacjenti u kwindi l-Qorti m`ghandhiex toqghod fuqu.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Rizultanzi</u>**

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi taghha tal-lum fil-kawzi fl-ismijiet *Maria mart Mario Baldacchino et vs Victor Schembri et (Citaz Nru 1009/90 JZM)* u *Pauline Schembri et vs Mario Baldacchino et (Citaz Nru 1211/89 JZM)* u tghid li dak deciz ghandu ighodd *mutatis mutandis* safejn jolqot it-talbiet u l-eccezzjonijiet fil-kawza tal-lum.

Anke fuq l-iskorta ta` dawk id-decizjonijiet, il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha l-fehmiet espressi mill-perit legali dwar l-eccezzjonijiet. L-istess tghid il-Qorti ghall-mod kif il-perit legali ttratta u rrelata dwar it-talbiet. In partikolari dwar it-tieni talba, anke wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti trid toqghod il-provi, mhux fuq suspetti jew fehmiet mhux korraborati. L-ahjar provi huma dawk dokumentarji. Fuq Mario Baldacchino, bhala mandatarju, kien jinkombi l-obbligu li jzomm id-dokumenti kollha tal-attrici f`posthom biex jekk jissejjah biex jaghti rendikont – kif gara – iwiegeb konformement u skond il-ligi. Bhall-perit legali, il-Qorti hija tal-fehma li Dok VF jirrapprezenta rendikont <u>parzjali</u> tal-amministrazzjoni ta` Mario Baldacchino. Mhijiex fondata d-difiza tal-

konvenut tal-lum illi ma kienx direttament involut fl-amministrazzjoni. *Una volta* ghazel li jidhol fil-kawza kellu jkun ben koxjenti ta` dak l-involviment x`kien sejjer jimporta. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-banek ma zammewx dettalji ta` kontijiet qabel certa dati, fl-istess waqt kien jinkombi lil Mario Baldacchino li jzomm il-kontijiet aggornati ladarba l-amministrazzjoni tieghu kienet il-mertu ta` litigazzjoni. Il-fatt li Mario Baldacchino pprezenta Dok VF meta l-kawza kienet diga` ilha s-snin prezentata ghandu jfisser li kellu zmien bizzejjed biex fuq id-dokumenti bankarji kollha li kellu fil-pussess tieghu (mhux fuq parti minnhom) jirrendi kont shih mhux parzjali. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa` t-tieni talba wkoll.

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**Tilqa` l-ewwel talba attrici.**

**Tilqa` t-tieni talba attrici billi tordna lill-konvenut sabiex sa zmien sitt xhur mil-lum jaghti lill-atturi rendikont shih tal-operat ta` Mario Baldacchino (illum mejjet) ghaz-zmien kollu illi dam bhala mandatarju ta` Pauline Schembri (illum mejta).**

**Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni, u tal-ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju 1989.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------